MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 301/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Hersey)
vs
Rose David, bint David, imwieled fid-Delta States, Nigeria fl-1 ta’ Awwissu, 1990
U
Bridget Modey, bint Modey, imwielda n-Nigeria fl-10 ta’ Diċembru, 1992

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fil-25 ta’ Marzu, 2009 f’dawn il-Gżejjer, għamlu falsifikazzjoni, biddlu jew għamlu xi tibdil f’passaport jew użaw jew kellhom għandhom passaport li huma jafu li ġie ffalsifikat, mibdul jew sar tibdil fih li jġibu n-numri 82026, AM8161877, 0113099AA, 80113, AM8161832 u 0622567AA rispettivament;

2. talli taħt l-istess ċirkostanżi ffalsifikaw dokument jew kopja vera ta' dokument jew reġistrazzjoni magħmula skond l-Att ta' l-Immigrazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kokntra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kkontra tagħhom. Rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundanna lil Rose David għal piena ta' seba' xhur priġunerija u lil Bridget Modey għal piena ta' sena priġunerija. Fil-każ taż-żewġ imputati, rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena, fil-konfront taż-żewġ imputati, ma seħħ ħlief jekk l-imputati jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------